MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 1348/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**MELVIN THEUMA ta' 34 sena, iben Charles u Carmen nee' Farrugia, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12.02.1978, residenti fil-fond numru 204, Triq FS Caruana, Birkirkara;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Melvin Theuma** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Lulju, 2007, ghall-habta ta' 23.45hrs, gewwa Triq Marina, Pieta', volontarjament hassar, ghamel

hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ERC138, proprjeta' ta' Eric Zammit, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin), ghad-dannu tal-istess Eric Zammit, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 13), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni (folio 27).

Rat ukoll illi ma' l-interrogatorju (folio 27), l-imputat irregistra li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotta, u t-trattazzjonijiet.

Illi skarsi huma l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza. Fl-ewwel lok hemm ezebita l-istqarrija ta' l-imputat li kienet mehuda fis-sena 2006, allura minghajr ma l-istess gie moghti d-dritt ta' l-assistenza legali, b'rizultat illi llum tali stqarrija wahidha ma ssib ebda valur probatorju. Fit-tieni lok l-unika xhud li seta' jixhed biex jaghti spjegazzjoni ta' l-akkudut huwa ko-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fuq nuqqas ta' provi, din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat Melvin Theuma hati, u ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL.D**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------